**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002**

**Numru 31**

**Avviz. numru 87/02JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Francesco Zappala abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Francesco Zappala**

**vs**

**Sylvia Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ippresentat mill-atturi fil-15 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm610.19), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Francesco Zappala, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza**

**tat-tip comprehensive, salv ghall-excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) imhallas mill-istess Francesco Zappala, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju, 2000, gewwa Triq Dicembru 13, Marsa, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Francesco Zappala, bin-numru ta' registrazzjoni LAM-136 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni ABG-445, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2001 u 13 ta' Marzu, 2001, u ta' dik li qed tintbaghat kontestwalment lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenuta England Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ramona Frendo ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub huwa dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-kollizzjoni grat meta l-vettura tal-konvenuta numru ADG-445 baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura ta' l-attur numru LAM-136 u dana f'linja dritta maghha. Ma hemmx dubbju li ghall-kollizzjoni kienet tahti unikament il-konvenuta.**

**Id-danni huma dawk li jirrizultaw mid-dokumenti esebiti, apparti li kien hemm ghaxar liri tas-survey, u b'kollox igibu l-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti unikament il-konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici u lill-attur is-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u dsatax-il centezmu, in kwantu ghall-hames mija hamsa u tmenin lira Maltija u dsatax-il centezmu lis-socjeta` attrici, u hamsa u ghoxrin lira Maltija lill-attur, Dawna bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2001 u 13 ta' Marzu, 2001, u ta' dik li qed tintbaghat kontestwalment lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenuta England Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**